MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 8/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Genovese**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Julian Genovese, minn sentenza moghtija fil-konfront tieghu fil-21 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li permezz taghha huwa gie kkundannat sena (1) prigunerija u nhareg Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ghal tliet (3) snin favur Giovanna Genovese u Lizanne Genovese.

**2.** Dan il-kaz jirrisali ghat-13 ta' Gunju 2009. F'dik il-gurnata Julian Genovese (bin Emmanuel u Carmen nee Mallia, imwieled fis-17 ta' Frar 1960, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 136860M) tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Inferjuri bhala Qorti Istruttorja akkuzat talli, aktar kmieni

dak in-nhar stess, ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu, gewwa San Gwann u bnadi ohra (**i**) volontarjament gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, liema hsara hija anqas minn €1,164.69 izda aktar minn €116.47, a dannu ta' Giovanna Genovese, Lizanne Genovese u persuni ohra; (**ii**) bl-imgieba tieghu ikkaguna lil terzi persuni biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom; (**iii**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied; (**iv**) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jaghmlu jew fixkilhom fi dmirijiethom, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom jew gab fix-xejn jew hassar dak li kienu ghamlu; (**v**) qal kliem indecenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku; u (**vi**) li huwa recidiv.

**3.** Brevement, il-fatti kienu dawn: Julian Genovese – li ghandu fedina penali kulurita ghall-ahhar b'madwar 26 kundanna ghar reati li jvarjaw minn dik li naqas li jilbes l-uniformi preskritta ghal sewwieq tat-*taxi* ghal ricettazzjoni u diversi reati ta' vjolenza – fit-12 ta' Gunju 2009 filghaxija hareg mill-habs wara li kien skonta hemm perjodu ta' prigunerija. Huwa mar habbat fuq il-bieb fejn kienet toqghod martu Giovanna Genovese – li minnha huwa separat *de facto* u li maghha huwa kellu precedentement diversi incidenti. Din ma fethitlux izda anticipat li gej l-inkwiet. L-appellant, ghalhekk, mar f'*bar* f'San Giljan jixrob biex jiccelebra, u aktar tard – xi sitt sieghat wara li kien mar ihabbtilha l-ewwel darba – meta issa kien evidentement imlahlah, rega' mar fejn id-dar tal-mara tieghu u hemm, wara li rega' habbat diversi drabi mal-bieb, beda jaghmel l-istorbju, jinsisti li jidhol ghandha, u anke ghamlilha hsara fil-proprjeta` taghha. Huwa ghamel ukoll hsara fil-proprjeta` tat-tifla tieghu li tghix vicin ommha. Huwa gie arrestat u tressaq il-qorti aktar tard b'arrest fuq l-imputazzjonijiet kif indikat *supra*. Il-kawza pprocediet bhala wahda sommarja bil-kunsens kemm tal-imputat (fol. 16) kif ukoll tal-Avukat Generali (fol. 19).

**4.** L-appell ta' Julian Genovese hu limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-<u>ewwel</u>, it-<u>tieni</u> u r-<u>raba'</u> imputazzjonijiet; huwa mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar it-tielet, il-

hames u s-sitt imputazzjonijiet. L-aggravji tieghu ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

**5.** Dwar l-ewwel imputazzjoni huwa jikkontendi li, galadarba s-separazzjoni bejnu u bejn martu ghadha ma gietx pronunzjata mill-qorti kompetenti izda huma biss *de facto* separati, allura l-hsara fil-proprjeta` "taghha" hija wkoll hsara fil-proprjeta` "tieghu" (minhabba l-komunjoni ta' l-akkwisti), u ghalhekk ma jistax ikun hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1) tal-Kap. 9. Jillanja wkoll li l-hsara kkagunata fil-proprjeta` tat-tifla kienet kagunata involontarjament (u mhux volontarjament), u li ghalhekk id-disposizzjoni tal-ligi applikabbli hija l-Artikolu 328 u mhux l-Artikolu 325(1). Din il-Qorti ma taqbilx. Hsara li ssir, mir-ragel jew mill-mara, fi proprjeta` appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mizzewgin, tkun <u>ukoll</u> qed issir bi hsara <u>tal-parti l-ohra fiz-zwieg</u>. Ta' min jippreciza li qabel l-emenda introdotta fl-Artikolu 331 tal-Kap 9 bl-Att XX tal-2005, il-hsara kkagunata mir-ragel fil-proprjeta` tal-mara jew mill-mara fil-proprjeta` tar-ragel (jew mill-imputat fil-proprjeta` tad-dixxendenti) ma kienitx azzjonabbli kriminalment hlief f'certi cirkostanzi (ez. meta tkun tikkonsisti fi hruq b'perikolu ghall-hajja). Permezz ta' l-emenda msemmija, tali hsara saret azzjonabbli, basta jkun hemm il-kwerela tal-parti leza (fil-kaz odjern l-appellant mhux jikkontesta li ma kienx hemm tali kwerela – fil-fatt kemm martu kif ukoll bintu xehedu kontra tieghu, u ghalhekk il-kwerela giet implicitament konfermata). Pero` fejn proprjeta` tkun mizmuma in komun bejn tnejn jew aktar persuni (bhalma hu l-kaz fejn ikun hemm il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin), ma jfissirx li wiehed mill-komproprjetarji jista' jikkaguna hsara f'dik il-proprjeta` u jippretendi li ma jittiehdux passi kriminali kontra tieghu ghax dik il-proprjeta` hija <u>wkoll tieghu</u>. Bhalma hi tieghu daqstant iehor hi tal-parti l-ohra (jew tal-partijiet l-ohra, meta l-komproprjetarji jkunu aktar minn tnejn), u ghalhekk ma jistax jinqeda b'dik il-proprjeta` b'mod li jippregudika lill-komproprjetarji l-ohra (ara, per analogija, l-Artikolu 491(b) tal-Kodici Civili, Kap. 16). Ghalhekk, in kwantu l-hsara setghet giet kagunata fi proprjeta` appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, din xorta saret a dannu u bi hsara tal-mara. Ghal dak li jirrigwarda l-

hsara kkagunata fil-proprjeta` tat-tifla, din ma tistax titqies bhala involontarja (cioe` semplicement kolpuza, a differenza ta’ doluza). Min iwaddab oggetti bl-addocc (bhalma ghamel l-appellant) biex jaghmel hsara fi proprjeta` partikolari f’cirkostanzi, pero`, meta huwa ovvju li l-att x’aktarx ser jikkaguna wkoll hsara fi proprjeta` ohra, ikun qed jagixxi dolozament <u>anke fil-konfront ta’ dik il-proprjeta` l-ohra</u>. Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-*dolo* jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl-intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi – kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 – l-intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta’ omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu. Ghalhekk meta l-appellant tefa’ l-oggetti u kkaguna hsara fil-proprjeta` tat-tifla, dan certament ma kienx kaz ta’ semplici negligenza (Art. 328), fis-sens li hu naqas milli jipprospetta l-hsara, izda huwa ra l-hsara fil-proprjeta` taghha bhala konsegwenza probabbli ta’ ghemilu u, anke jekk huwa ma riedx dik il-hsara fil-proprjeta` tat-tifla, xorta wahda wettaq l-ghemil li gab dik il-hsara. Ghalhekk il-hsara hija wahda volontarja. Ghall-precizjoni, pero`, mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-oghla hsara kkagunata, li kienet fil-proprjeta` ta’ Giovanna Genovese (jew fil-proprjeta` taghha u tar-ragel), kienet taqa’ fil-parametri tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325 (cioe` hsara li teccedi €23.29 izda ma tiskorrix €116.47), u mhux, kif hemm fl-imputazzjoni kif originarjament migjuba, fil-paragrafu (b). Dan qed jinghad ghax l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, ma indikatx il-paragrafu relevanti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325.

**6.** Dwar it-tieni imputazzjoni, li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9, l-appellant bazikament jilmenta li ma kienx hemm “imgieba” li kkagunat biza’ lil martu. Skond l-appellant din il-biza’ kienet wahda arkitettata u fomentata mill-istess Giovanna Genovese li “kienet diga` psikologikament lesta ghalih ghaliex marret tirraporta lil Pulizija qabel ma hareg mill-habs”. Din il-Qorti ma tarax li dana l-aggravju huwa fondat. Fil-kaz in dizamina ghandna

certament “course of conduct” – kif spgejat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta’ April 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** – li wassal lill-mart l-appellant tibza’ li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghha. Il-fatt li hi proprju anticipat din il-vjolenza u mmanifestat din il-biza’ sa minn qabel zewgha nheles mill-habs – tant li aktar kmieni dik il-gurnata, qabel ma zewgha gie rilaxxat mill-habs, hija kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija tirraporta li kienet qed tibza’ li zewgha kien sejjer ipattihielha – ma jnaqqas xejn mill-element materjali tar-reat kif kontemplat fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 251B imsemmi. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**7.** Kwantu ghar-raba’ imputazzjoni, l-appellant ghandu ragun. La mid-deposizzjoni ta’ P.C. 750 Terry Mallia (fol. 97) u anqas minn dik tas-Surgent 1314 Raymond Ambrogio (fol. 102) ma jirrizulta r-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*ee*) tal-Kodici Kriminali.

**8.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell biss in parte u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant Julian Genovese hati skond ir-raba’ imputazzjoni u minnha tilliberah, u thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu sena prigunerija, <u>u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ ghaxar xhur prigunerija</u>, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluz l-Ordni ta’ Protezzjoni (li t-tliet snin tieghu jibdew jiddekorru mil-lum). Ghal kull buon fini qed jigi precizat li l-hsara volontarja kkagunata kienet tinkwadra fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------